**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-28 ta' Settembru 2010 — Federación de Comercio Electrónico y Marketing Directo (FECEMD) vs Administración del Estado**

**(Kawża C-469/10)**

(2010/C 346/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Federación de Comercio Electrónico y Marketing Directo (FECEMD)

*Konvenuta:* Administración del Estado

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata, u sabiex ikun awtorizzat l-ipproċessar tad-data ta' natura personali tagħha li jirriżulta neċessarju sabiex jiġi sodisfatt interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terzi li lihom din id-data hija żvelata, tirrikjedi, barra li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' din tal-aħħar, li d-data li tinsab f'dawn is-sorsi tkun aċċessibbli għall-pubbliku?

(2) Huma preżenti l-kundizzjonijiet mitluba mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-Artikolu 7(f), iċċitat 'il fuq, sabiex jiġi attribwit lilu effett dirett?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pest Megyei Bíróság (Ir-Repubblika tal-Ungerija) fid-29 ta' Settembru 2010 — Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság vs Invitel Távközlési Zrt.**

**(Kawża C-472/10)**

(2010/C 346/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Pest Megyei Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság

*Konvenuta:* Invitel Távközlési Zrt.

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ([1]), tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur jista' jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali inġusta ma torbot lil ebda konsumatur meta korp stabbilit b'liġi u debitament awtorizzat jitlob f'isem il-konsumaturi, fil-kuntest ta' azzjoni ta' interess pubbliku (*popularis actio*), li tiġi kkonstatata n-nullità tal-imsemmija klawżola inġusta li tinsab f'kuntratt ta' konsum?

Meta tkun inbdiet azzjoni ta' interess pubbliku li tkun intiża għall-kundanna favur il-konsumaturi li ma humiex partijiet fil-kawża jew ta' projbizzjoni tal-użu ta' kundizzjoni ġenerali kuntrattwali inġusta, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE jista' jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija klawżola inġusta li tinsab f'kuntratti ta' konsum ma torbot la lil ebda konsumatur ikkonċernat u lanqas lill-ebda konsumatur ieħor fil-ġejjieni, b'tali mod li l-qorti hija obbligata tapplika *ex officio* l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn dan?

(2) Fid-dawl tal-punti 1(j) u 2(d) tal-Anness tad-Direttiva, applikabbli skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, l-Artikolu 3(1) ta' din l-istess direttiva jista' jiġi interpretat fis-sens li, meta bejjiegħ jew fornitur jipprovdi emenda unilaterali tal-kundizzjonijiet kuntrattwali mingħajr ma jiddeskrivi b'mod ċar il-metodu ta' varjazzjoni tal-prezz u mingħajr ma jispeċifika raġunijiet validi fil-kuntratt, l-imsemmija klawżola hija *ipso iure* inġusta.

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2. p. 288

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fis-7 ta' Ottubru 2010 — Asociación para la Calidad de los Forjados (ASCAFOR), Asociación de Importadores y Distribuidores de Acero para la Construcción (ASIDAC) vs Administración del Estado, Calidad Siderúrgica SL, Colegio de Ingenieros Técnicos Industriales, Asociación Española de Normalización y Certificación (AENOR), Consejo General de Colegios Oficiales de Aparejadores y Arquitectos Técnicos, Asociación de Investigación de las Industrias de la Construcción (AIDICO) Instituto Tecnológico de la Construcción, Asociación Nacional Española de Fabricantes de Hormigón Preparado (ANEFHOP), Ferrovial Agromán SA, Agrupación de Fabricantes de Cemento de España (OFICEMEN), Asociación de Aceros Corrugados Reglamentarios y su Tecnología y Calidad (ACERTEQ)**

**(Kawża C-484/10)**

(2010/C 346/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo